## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

CG (K.I. XXXX)

*vs*

PB (K.I. XXXX)

## Rikors Guramentat ta' CG

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma s-segwenti fatti liema fatti hija taf bihom personalment:

1. Illi l-kontendenti huma aħwa u l-uniċi werrieta tal-ġenituri tagħhom JB li miet fil-XX ta' XXX XXXX kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat "**Dok A**" u GB li mietet fil-XX ta' XXX XXXX kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat "**Dok B**";

2. Illi t-testaturi ħallew żewġ testmenti u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikati ta' riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati "**Dok C**" u "**Dok D**" u ċjoe wieħed fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX ta' XXX XXXX hawn anness u mmarkat "**Dok E**" li bih il-kontendenti aħwa XXX ġew nominati eredi, u ieħor fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX ta' XXX XXXX hawn anness u mmarkat "**Dok F**" li bih l-intimat PB gie mholli b'titolu ta' prelegat id-dritt ta' abitazzjoni gratwita ghal tul hajtu fid-dar fil-XXX, kif ukoll gie mholli b'titolu ta' prelegat karozza XX XX;

3. Illi sussegwentement saret dikjarazzjoni *Causa Mortis* u ċjoe wara l-mewt ta' missier il-kontendenti tas-XX ta' XXX XXXX fl-atti tan-Nutar XX XX li kopja tagħha tinsab annessa u mmarkata "**Dok. G**";

4. Illi sussegwentement saret dikjarazzjoni *Causa Mortis* u ċjoe wara l-mewt ta' omm il-kontendenti tal-XX ta' XXX XXXX fl-atti tan-Nutar XX XX li kopja tagħha tinsab annessa u mmarkata "**Dok. H**";

5. Illi ghalhekk il-partijiet huma eredi universali u proprjetarji assoluti tal-kumplament tal-wirt tal-genituri taghhom fi kwoti indaqs u ugwali bejniethom, liema wirt sa fejn taf l-esponenti jikkonsisti mis-segwenti:

i. Id-dar residenzjali konsistenti minn 'terraced house' numru XX (X) gia maghrufa bin-numru XX (X), mibnija fuq zewg sulari u ground floor garage numru XX (X) imniffed mal-istess dar, liema proprjeta' tinsab mibnija fuq Plot numru XX (X), bl-isem "XX" fi Triq il-XXX, XXX liema proprjeta' fuq in-naha ta' wara taghha taghti wkoll ghal fuq Triq pubblika minn fejn tista wkoll tkun accessibbli minn garage numru XX (X) fi Triq XX, XX, li jinfed wkoll mad-dar residenzjali hawn fuq imsemmija, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u bl-arja libera taghha.

ii. L-intier ta' qabar markat bl-ittra "X" u bin-numru XX (XX) fic-Cimiterju tal-Parocca tal-XX, maghruf bhala "XX", fi Triq XX XX, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.

iii. Hdax minn sittin (11/60) sehem indiviz jew kwalunkwe sehem verjuri iehor li omm il-partijiet setgha kellha fuq ghalqa agrikola li ghandha kejl ta' circa XX metri Kwadri (XXm$^2$) fl-inhawi maghrufa bhala XX fi Triq XX fi XX, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

iv. Id-dar fil-XX, fit-Triq XX numru XX ittra X (XX) liema dar hija mikrija lil PB

v. Porzjoni diviza mill-ghalqa fil-limiti ta' XX maghrufa ta' XX. Din il-porzjoni mill-ghalqa, li fiha kejl ta' cirka XX metru kwadru (XXm$^2$), tmiss mil-lvant mat-triq li mill-XX tiehu ghal XX, minn nofs in-nhar ma' beni ta' EB, mit-tramuntana ma' beni ta' PBX. Din il-porzjoni mill-ghalqa hija soggetta ghall-ekwivalenti ta' XX Liri Maltin (LmX.00) cens perpetwu;

vi. L-ghalqa fil-limiti tal-XX maghrufa bhala XX. Din l-ghalqa fiha l-kejl ta; cirka XX metri kwadri (XXm$^2$). Din l-ghalqa hija accessibli minn sqaq li jaghti ghal Triq XX. Din l-ghalqa tmiss mit-tramuntana ma' beni PZ, mill-grigal ma' beni ta' LO, mil-lbic ma' beni ta' JA, mix-xlokk ma' sqaq tar-rabgha bla isem;

6. Illi l-kontendenti rriducew ftehim bonarju quddiem l-Avv. XX XX nhar id-9 ta' Awissu 2011, kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat "**Dok I**" fuq kif kienu behsiebhom jirregolaw il-qasma tal-massa ereditarja tal-genituri taghhom. Wara dan il-ftehim, inqasmu l-flejjes tal-kontijiet bankarji u d-deheb ta' omm il-kontendenti izda ma sar xejn fir-rigward tal-proprjeta immobbli;

7. Illi ghal snin il-kontendenti ikkondividew il-beni li huma ghandhom in komun f'armonija u ftehim sakemm matul is-sena li ghaddiet qam xi dizgwid dwar xi assi komuni liema nuqqas ta' ftehim wassal ghal kawza fl-ismijiet "CG vs PB *et*" (Rik. Gur. Nru: 999/2019LSO) liema kawza tirrigwarda biss id-dar fejn kienu jabitaw il-genituri tal-kontendenti;

8. Illi hekk kif bdiet din il-kawza hawn fuq imsemmija, l-intimat beda jaqla' kwistjonijiet godda li mghandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu ta' dik il-kawza inkluz ghall-hlas ta' servigi allegatament rezi ferm aktar minn hames snin ilu;

9. Illi nhar il-XX ta' XXX XXXX, l-intimat baghat ittra legali lil zewg l-esponenti permezz ta' liema l-intimat interpella lil zewg l-esponenti JG, sabiex jizgombra mill-ghalqa maghrufa bhala "XX" fi Triq XX, Qrendi stante li, skond l-istess intimat, JG mghandu l-ebda titolu u ghalhekk l-okkupazzjoni tieghu hija wahda illegali u abbusiva. L-istess JG wiegeb ghall-istess ittra legali permezz ta' ittra mibghuta lill-konsulent legali tieghu nhar il-XX ta' XXX XXXX, kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkatha "**Dok J**";

10. Illi nhar l-Erbgha 6 ta' Jannar 2016, zewg l-esponenti mar fl-ghalqa "XX" f'liema ghalqa l-esponenti u l-familja taghha jirrikrejaw rwiehhom u sab li kien hemm katnazz gdid li wara l-esponenti saret taf mill-Pulizija li kien gie mibdul mill-intimat. Saru rapporti lill-Pulizija li qed jigu annessi u mmarkati "**Dok K**";

11. Illi minkejja li hemm xi kirjiet u cnus fuq il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna, l-esponenti nzammet fl-ghama mill-intimat fuq l-istess u l-esponenti kellha titlob l-informazzjoni u kopja tal-ircevuti minghand il-kerrejja. Meta l-intimat sar jaf b'dan minghand l-istess kerrejja, huwa baghat cekk bl-ahhar kirja. Minkejja li l-intimat gie mitlub permezz ta' ittra tal-XX ta' XXX XXXX (kopja taghha qieghda tigi hawn annesa u mmarkatha "**Dok L**" sabiex iforni lill-esponenti b'rendikont tad-dhul u l-hrug ta' dawn il-kirjiet u cnus, dan baqa' inadempjenti;

12. Illi, madanakollu nhar il-XX ta' XXXX XXX l-intimat qaccat sigar fil-parti tal-ghalqa li tiehu hsieb l-esponenti u senjatament sigra tal-mandolin u ghalhekk kellu jintalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni b'mod provizorju sabiex jigu salvagwardati l-jeddijiet tal-esponenti fil-qsim tal-proprjeta in komuni, liema mandat (bin-numru XX/XXXX/XX hawn anness u mmarkat "**Dok M**") gie akkordat nhar il-XX XX ta' XXX XXXX skond liema mandat l-intimat gie inibit milli jaghmel (i) kwalsiasi att li jista' jfixkel lir-rikorrenti milli tidhol f'dik il-parti tal-ghalqa ta' Fuq tal-Grazzja, limiti tal-Qrendi li tinsab fil-pussess fiziku taghha jew (ii) xi haga f'dik il-parti tar-raba' ta' Fuq tal-Grazzja li qieghda fil-pussess fiziku tar-rikorrenti;

13. Illi ghalhekk l-esponenti kellha tmexxi bl-odjerni kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li r-rikorrenti ma jixtiequx jibqghu fi stat ta' kompropjeta tal-propjeta mobbli u immobbli sopradeskritta u ghalhekk kellhom jintavolaw il-procedura odjerna sabiex tigi mfassla id-divizjoni u s-sussegwenti qasma tal-beni tal-propjeta msemmija aktar 'l fuq jew il-bejgh in licitazzjoni tal-istess skond il-kaz;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li kull wiehed mill-kontendenti CG u PB huwa kompropjetarju tas-segwenti proprjeta:-
    a. Id-dar residenzjali konsistenti minn 'terraced house' numru XX (X) gia maghrufa bin-numru XX (X), mibnija fuq zewg sulari u ground floor garage numru XX (X) imniffed mal-istess dar, liema proprjeta' tinsab mibnija fuq Plot numru XX (X), bl-isem "XX" fi Triq il-XX, XX liema proprjeta' fuq in-naha ta' wara taghha taghti wkoll ghal fuq Triq pubblika minn fejn tista wkoll tkun accessibbli minn garage numru XX (X) fi Triq XX, XX, li jinfed wkoll mad-dar residenzjali hawn fuq imsemmija, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u bl-arja libera taghha.
    b. L-intier ta' qabar markat bl-ittra "X" u bin-numru X (XX) fic-Cimiterju tal-Parocca tal-XX, maghruf bhala "XX", fi Triq XX il-XX, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.
    c. Hdax minn sittin (11/60) sehem indiviz jew kwalunkwe sehem verjuri iehor li omm il-partijiet setgha kellha fuq ghalqa agrikola li ghandha kejl ta' circa XX metri Kwadri (XX) fl-inhawi maghrufa bhala XX fi Triq XX, XX, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.
    d. Id-dar fil-XX, fit-Triq XX numru XX ittra X (XX) liema dar hija mikrija lil PB
    e. Porzjoni diviza mill-ghalqa fil-limiti ta' XX maghrufa ta' XX. Din il-porzjoni mill-ghalqa, li fiha kejl ta' cirka XX metru kwadru (XXm$^2$), tmiss mil-lvant mat-triq li mill-XX tiehu ghal XX, minn nofs in-nhar ma' beni ta' EB, mit-tramuntana ma' beni ta' PBX. Din il-porzjoni mill-ghalqa hija soggetta ghall-ekwivalenti ta' XX Liri Maltin (LmX.00) cens perpetwu;
    f. L-ghalqa fil-limiti tal-XX maghrufa bhala XX. Din l-ghalqa fiha l-kejl ta; cirka XX metri kwadri (XXm$^2$). Din l-ghalqa hija accessibli minn sqaq li jaghti ghal Triq XX. Din l-ghalqa tmiss mit-tramuntana ma' beni PZ, mill-grigal ma' beni ta' LO, mil-lbic ma' beni ta' JA, mix-xlokk ma' sqaq tar-rabgha bla isem;
    g. Flejjes li jinsabu mizmuma f'kontijiet bankarji senjatament mal-bank XX.

    h. Id-deheb appartenenti lill-omm il-partijiet u cjoe XX kif iddikjarat mill-partijiet fl-iskrittura privata ffirmata fil-XX ta' XXX tas-sena XX (XX);

2. Tordna l-qasma tal-istess beni bejn il-kontendenti prevja li jigi redatt pjan ta' divizjoni bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jersaq fuq l-opportun att ta' divizjoni tal-proprjeta fuq imsemmija;

4. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-opportun att ta' divizjoni;

5. Tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt ta' divizjoni;

6. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kuntumaci fuq l-istess kuntratt ta' divizjoni;

7. Tordna li kemm-il darba l-beni mizmuma in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur, il-beni komuni tal-kontendenti jigu mibjugha b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi;

8. Tillikwida l-ammonti talvolta percepiti mill-konvenut u minn liema ammonti l-esponenti hija intitolata ghal sehem;

9. Tordna li l-intimat ihallas sehem l-esponenti mill-ammont hekk likwidat;

10. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli ghal danni sofferti mill-esponenti;

11. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti okkorendo bl-opra ta' perit nominand

12. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti d-danni kif likwidati;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru XX/XXXX, kontra l-konvenut, minn issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Avv. John Bonello P.L.
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Attriċi: 5, Triq Santa Marija, Bugibba

Konvenut: Plot 6, Triq il-Kbira, Mosta

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

CG

*vs*

PB

**Lista tad-Dokumenti:**

| | |
|---|---|
| Dok. A | Ċertifikat tal-mewt ta' JB li miet fi XX |
| Dok. B | Ċertifikat tal-mewt ta' GB li mietet fi XX |
| Dok. C | Ċertifikat tar-riċerki testamentarji fir-Registru Pubbliku ta’ GB |
| Dok. D | Ċertifikat tar-riċerki testamentarji fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) ta’ GB |
| Dok. E | Kopja ta’ testment unica charta tal-ġenituri tal-kontendenti tal-XX ta’ XX XXXX fl-Atti tan-Nutar Dottor XX XX li bih il-kontendenti ġew nominati eredi; |
| Dok. F | Kopja ta’ testment unica charta tal-ġenituri tal-kontendenti tal-XX fl-Atti tan-Nutar Dottor XX XX li minnu jirrizulta d-dritt ta' abitazzjoni tal-intimat; |
| Dok. G | Dikjarazzjoni *Causa Mortis* wara l-mewt ta' missier il-kontendenti tal-XX fl-atti tan-Nutar XX XX |
| Dok. H | Dikjarazzjoni *Causa Mortis* wara l-mewt ta' omm il-kontendenti tal-XX fl-atti tan-Nutar XX XX; |
| Dok. I | Skrittura privata bejn il-partijiet redata nhar il-XX |
| Dok. J | Ittra legali mibghuta bhala risposta ghall-ittra legali tal-intimat tal-XX |
| Dok. K | Rapporti li saru lill-Pulizija dwar tibdil ta’ knataz tal-ghalqa li taghha l-kontendenti huma proprjetarji f’ishma indaqs u indivizi |
| Dok. L | Ittra legali li intbaghatet lill-intimat dwar kirjiet u cnus li hemm fuq xi proprjeta indiviza |
| Dok M | Mandat kawtelatorju bin-numru XX/XXXX mahrug kontra l-intimat nhar il-XX |

Avv. John Bonello P.L

*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Attriċi: 5, Triq Santa Marija, Bugibba

Konvenut: 6, Triq il-Kbira, Mosta

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

CG

*vs*

PB

**Lista tax-Xhieda:**

Ir-rikorrenti għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex tixhed dwarhom u in sostenn tal-pretensjonijiet taghha;

Familjari tar-rikorrenti għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex jixhdu dwar il-fatti ta' dan il-każ a konoxxenza tagħhom;

Ġirien tal-konvenuti PB u AC għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex jixhdu dwar il-fatti ta' dan il-każ a konoxxenza tagħhom;

Registratur tal-Qrati jew rapprezentant tieghu sabiex jixhed dwar atti li gew intavolati mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin;

Kummissarju tal-Pulizija jew rapprezentant tieghu sabiex jixhed dwar ir-rapporti li saru mill-partijiet;

PB u PBX sabiex jixhdu dwar kirjiet jew cnus li jhallsu fuq proprjeta' tal-partijiet;

*Chairman* tal-*Malta Resources Authority* (MRA) sabiex jixhed dwar il-borehole li hemm fl-ghalqa maghrufa bhala "XX" proprjeta indiviza tal-partijiet;

*Chairman* tal-ARMS u tal-Enemalta sabiex jixhed dwar il-provvisti tad-dawl u tal-ilma li hemm fl-ghelieqi proprjeta' indiviza tal-partijiet;

In-Nutar Dottor XX XX u n-Nutar Dottor XX XX jew konservaturi tal-atti tiegħhom sabiex jikkonfermaw l-atti li sar fl-atti tiegħhom u jippreżentaw kopja tal-istess kif ukoll in-Nutar XX XX jew konservaturi tal-atti tagħha sabiex jixhdu dwar atti pubbliċi li jirrigwardaw lill-partijiet u tikkonferma d-dikjarazzjoni *causa mortis* u d-dokumenti li hemm magħha;

Persuni li jahdmu raba' vicin dawk mertu tal-kawza odjerna;

L-intimat sabiex jixhed in subizzjoni;

Avv. John Bonello P.L.
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*